MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 407/2013

**Deborah Delceppo u Clive Grech a nom u in rappreżentanza tal-minuri Aaliyah Grech Delceppo**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 t'April 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti kellhom wild bl-isem ta' Aaliyah Grech *sive* Aaliyah Grech Delceppo fl-10 ta' Diċembru 2003.

Illi fl-att tat-twelid li jġorr in-numru progessiv 4532 tal-2003 (hawn anness u mmarkat bħala Dok DD1) il-kunjom tal-minuri ġie ndikat bħala "Grech" konformi mal-liġi *in vigore* f'dak iż-żmien fejn il-minuri kienet tieħu biss kunjom il-

missier. Meta r-rikorrenti marru biex jirreġistraw it-tarbija u nfurmaw il-persuna nkarigata li huma xtaqu jirreġistraw lil binthom Aaliyah bil-kunjom 'Grech Delceppo' ġew infurmati li kulma kellhom jagħmlu huwa li jibdew iżidu l-kunjom tal-omm flimkien ma' dak tal-missier.

Illi l-minuri minn dejjem użat flimkien ma' kunjom missierha, kunjom ommha 'Delceppo'.

Illi bħala fatt il-minuri dejjem u konsistentement hija magħrufa kemm mill-familjari tagħha u kemm mis-soċjeta' bħala 'Aaliyah Grech Delceppo'. Saħansitra fid-diversi dokumenti uffiċjali bħalma huwa l-passaport tal-minuri, isimha hu ndikat b'dan il-mod (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok DD2). *Di piu'* ġewwa l-iskola li l-minuri tattendi hija magħrufa u reġistrata wkoll bħala 'Aaliyah Grech Delceppo' (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok DD3).

Illi llum il-liġi f'dan ir-rigward inbidlet u tagħti lil dawk it-tfal li twieldu wara s-sena elfejn u erbgħa (2004), l-opportunita' li l-minuri jkollu żewġ kunjomijiet li jirriflettu dak tal-missier u dak tal-omm. *Di piu'* fir-rigward ta' dawk it-tfal li twieldu qabel is-sena elfejn u erbgħa (2004), qabel l-introduzzjoni tal-emendi, wieħed jista' jagħmel użu mill-Formula T, *"Dikjarazzjoni dwar użu ta' kunjom ta' wild li twieled qabel is-7 ta' Awissu 2007"* biex b'hekk jkunu jistgħu jużaw kunjom ommhom flimkien ma' dak ta' missierhom.

Illi madankollu meta r-rikorrenti ppruvaw jagħmlu użu minn tali dikjarazzjoni huma ġew infurmati li din, u dan b'mod diskriminatorju, hija applikabbli biss għall-ulied li twieldu fl-unjoni taż-żwieġ. Għaldaqstant b'mod diskriminatorju t-tfal li ma twieldux fl-unjoni taż-żwieġ u twieldu qabel l-2004, ma għandhomx rimedju biex jkunu jistgħu jużaw kunjom ommhom flimkien ma' dak tal-missier. Għaldaqstant ir-rikorrenti ma għandhomx triq oħra għajr li jipproċedu b'din il-kawża.

Illi għalhekk qed issir talba biex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji u opportuni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri

Aaliyah, sabiex ma' l-isem tal-minuri jiżdied ukoll il-kunjom ta' ommha 'Delceppo' biex b'hekk isimha sħiħ jiġi ndikat bħala 'Aaliyah Grech Delceppo' konformi mal-mod kif hija dejjem magħrufa.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru progressiv 4532 tal-2003, fis-sens li mal-kunjom Grech jiżdied il-kunjom Delceppo b'dan illi kunjom il-minuri jigi jaqra Grech Delceppo.

2. Tordna illi l-isem ta' 'Aaliyah Grech Delceppo' għandu jibqa' jiġi wżat fl-atti ċivili tagħha l-oħra kollha suċċessivi u sussegwenti.

Bl-ispejjeż u bil-konvenut nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fit-tieni lok, l-esponenti jissottometti li kontrarjament għal dak premess mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur, fuq atti tat-twelid magħmula qabel is-sena 2005, ebda kunjom ma kien jiġi ndikat fir-rigward tat-trabi, u dan *stante* li l-liġi ma kinitx tipprovdi għal dan ir-rekwiżit, u dan hekk kif jista' jiġi konfermat miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri in kwistjoni, hawn anness u mmarkat Dok DR1. Kien biss mis-sena 2005 'il quddiem li l-kunjom tal-minuri beda jiġi indikat fl-att tat-twelid u dan ma' l-introduzzjoni tal-Artikolu 292A tal-Kap. 16, biex b'hekk il-kunjom ġie fatt reġistrabbli mar-Reġistru Pubbliku. Għaldaqstant dak

premess mir-rikorrenti illi fl-att tat-twelid il-kunjom tal-minuri ġie ndikat bħala ‘Grech’, mhuwiex minnu;

Illi anke fir-rigward ta’ dak premess fit-tieni paragrafu dwar x’kunjom il-minuri setgħu jassumu fis-sena 2003 skond il-ligi *in vigore* f’dak iż-żmien, l-esponenti umilment jissottometti li lura fis-sena 1993 Artikolu 92 (1) tal-Kodiċi Ċivili kien ġie miżjud biex jaqra kif jaqra llum u ossia li *“Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b’ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista’ jżid il-kunjom tal-omm, diversament, jieħu l-kunjom xbubit l-omm”*. Illi għaldaqstant meta twieldet bint ir-rikorrenti din kienet intitolata għad-dritt tal-użu ta’ kunjom l-omm wara dak ta’ missierha, liema kunjomijiet iżda ma kinux jitniżżlu fuq l-att, *stante* li l-kunjom ma kienx fatt reġistrabbli. Illi teknikament waqt ir-reġistrazzjoni, ma kien jiġi ndikat ebda kunjom, madanakollu *ai termini* ta’ Artikolu 92 (1) il-minuri kienet assumiet kunjom missierha li miegħu setgħet iżżid kunjom ommha;

Illi għaldaqstant jekk meta r-rikorrenti marru biex jirreġistraw it-tarbija huma esprimew li xtaqu li jirreġistraw lill-binthom bil-kunjom ‘Grech Delceppo’, u ġew infurmati li kulma kellhom jagħmlu huwa li jibdew iżidu l-kunjom tal-omm flimkien ma’ dak tal-missier, tali informazzjoni kienet korretta. Dan għaliex filwaqt li l-minuri assumiet mill-ewwel kunjom missierha ġaladarba dan kien irrikonoxxiha bħala bintu, miegħu hija kellha dritt għall-użu ta’ kunjom ommha *ai termini* ta’ Artikolu 92 (1). Illi minkejja dan, il-kunjom li kellha tassumi u tuża l-minuri, lura fis-sena 2003 ma kienx reġistrabbli mar-Reġistru Pubbliku. Illi l-fatt li l-kunjom ma kienx reġistrabbli, pero’ dan ma jfissirx li l-minuri ma kellhiex dritt li żżid kunjom ommha wara dak ta’ missierha;

Illi in kwantu għal dak premess fi premessa numru 5 tar-rikors, l-esponenti jissottomettu illi l-emendi li saru b’Att XVIII tal-2004, u li ġew fis-seħħ fl-2005, introduċew id-dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 292A tal-Kap. 16 li fiha jiġi ddikjarat x’kunjom se jieħdu l-minuri biex b’hekk dan ikun fatt reġistrat mar-Reġistru Pubbliku. Illi pero’, dan mhux każ li din id-dikjarazzjoni tat opportunita’ lill-minuri ikollu

żewg kunjomijiet, għaliex tali opportunita' ingħatat fl-1993. L-unika ħaġa hija li dan ma kienx fatt reġistrabbli mar-Reġistru Pubbliku, u bl-emendi imsemmija sar fatt reġistrabbli;

Illi fit-tielet lok, minkejja li huwa minnu li skond il-liġi *in vigore* l-Formula T jistgħu jagħmlu użu minnha biss ulied iż-żwieg, li twieldu qabel is-7 ta' Awissu 2007, pero' dan ma jfissirx illi ulied li twieldu barra ż-żwieg huma mċaħħda milli jagħmlu użu minn kunjom ommhom wara dak ta' missierhom biex b'hekk ikollhom żewġ kunjomijiet, u dan *stante* dak li jipprovdi l-Artikolu 92 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minkejja dan iżda, l-użu tal-kunjom 'Grech Delceppo' jista' jiġi rifless kemm fuq il-passaport kif ukoll fuq il-karta tal-identita. Illi tant hu hekk, li r-rikorrent stess indikaw illi l-minuri ġa ġġib il-kunjomijiet 'Grech Delceppo' permezz tad-dokument anness u mmarkat bħala Dok DD2 mar-rikors promotur tar-rikorrenti;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għar-rigward l-ewwel talba, l-esponenti jissottometti li ir-rikorrenti għandhom preliminarjament jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qegħdin isejsu t-talba tagħhom sabiex b'hekk l-esponenti ikun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriserva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindika taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi hu qiegħed jesperixxi l-proċeduri istanti;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fir-rigward tal-ewwel talba ukoll, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti għandhom jispeċifikaw eżattament x'qegħdin jitolbu u ossia jekk hux korrezzjoni jew annotazzjoni *stante* li filwaqt li fil-premessa numru 7 tar-rikors ġie speċifikat li *"qed issir talba biex issir il-korrezzjonijiet neċessarji u opportuni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Aaliyah"*, fl-ewwel talba ġie mitlub li din l-Onorabbli Qorti *"Tordna li ssir annotazzjoni"*;

Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost fl-att tat-twelid tal-minuri bint ir-rikorrenti ma hemm xejn x'jiġi korrett jew annotat *stante* li fuq l-istess att, [Dok DR1], ma hemmx imniżżel il-kunjom tal-minuri iżda hemm biss l-isem u l-kunjom tar-rikorrenti bħala ġenituri tal-minuri u isem il-minuri, il-post tat-twelid, id-data tat-twelid, fejn twieldu u joqogħdu l-ġenituri, isem u kunjom missier il-ġenituri tal-minuri u jekk hux mejtin jew ħajjin, u min għamel id-dikjarazzjoni. Illi għaldaqstant l-esponent m'għandux jinżamm responsabbli ta din l-azzjoni odjerna, u dan *stante* l-fatt li ma sar l-ebda żball li jista jkun attribwit lill-esponenti fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni bin-numru progressiv 4532 tas-sena 2003 (hawn anness u mmarkat bħala Dok DR1);

Illi fir-rigward it-tieni talba l-esponenti jirrimetti ruħu għad-deċizjoni savja u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. F'dan il-każ qed tintalab annotazzjoni. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-minuri rappreżentata mill-atturi dejjem issejħet u kitbet isimha bħala *Grech Delceppo* u kwindi t-talba hija ġustifikata. Il-Qorti pero' ma tistax tordna t-tiswijiet f'dawk l-atti li ma ġewx indikati fir-rikors promotur, u allura se tilqa' t-talbiet biss b'riferenza għall-att indikat. Fir-rigward tal-ispejjeż ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas tal-konvenut u allura l-atturi għandhom iħallsu dawn l-ispejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel talba attriċi fir-rigward tal-att imsemmi fit-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, iżda tiċħad it-tieni talba għar-raġuni ġja' ndikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------